MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Numru. 1331/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Joseph Ayling**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Ayling ta' 30 sena, bin Herbert u Annunziata nee' Bonnici, imwieled Pieta' fis-7 ta' Jannar 1979 u residenti 'Casa Ayling', Triq il-Gallu, Fgura u detentur tal-karta tal-identita' numru 48179(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'Jannar 2006, u fix-xhur precedenti f' dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-bank HSBC Malta p.l.c, ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ikkorrompa lil Tonio Grima fil-kapacita' tieghu bhala *Loans Councillor* mal-bank HSBC, u dan billi tah xi rigal jew weghda, jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli iehor, jew xi vantagg iehor, li ghalihom Tonio Grima ma kellux jedd u dan sabiex jonqos milli jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel, ai termini ta' l-artikoli 115(b) 121(1), tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, ai temini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 11 ta' Gunju 2010 (esebita a fol. 77 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-24 ta' Gunju 2011, l-imputat ddikjara li huwa m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi

trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. F'Novembru 2005 il-Pulizija rcevew rapport minghand l-HSBC sabiex jinvestigaw certu loans li kienu nghataw minn impjegat taghhom, certu Tonio Grima li kien jahdem fil-branch ta' San Giljan, fejn inghataw loans wara li gew prezentati dokumenti li kienu jirrizultaw suspettuzi. Minn indagni li ghamlet il-Pulizija[1] rrizulta li certu Massimo Zahra, li huwa l-kugin tal-imputat, kien qed iressaq xi nies li kellhom bzonn loans ma' Tonio Grima u dawn ilkoll kienu qed jipproducu karti u dokumenti sabiex jiehdu l-loan li wara rrizulta li lkoll gew kumpilati minn certu Joseph Borg, hafna drabi b'informazzjoni mhux veritjiera. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u anki mix-xhieda tal-istess Joseph Borg irrizulta li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfronti tal-imsemmi Joseph Borg[2] fejn huwa ammetta u nstab hati li kien iffalsifika xi dokumenti in konnessjoni mal-ghoti tal-varji loans li kienu qed jigu investigati. Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat fil-kawza odjerna inghata zewg loans mill-HSBC f'Mejju u Gunju 2005 ghas-somma kumplessiva ta' Lm2,300 fejn gew prodotti formola tal-FS3[3] u xi payslips rigwardanti l-introjtu tal-imputat li kienu jidhru suspettuzi. Joseph Borg meta xehed f'dawn il-proceduri ammetta li huwa kien mela' d-dettalji fuq l-FS3 form rigwardanti l-imputat skond id-dettalji li tah l-istess imputat dwar l-impjieg tieghu ma' huh Paul Ayling fil-Windsor Bar, Santa Venera u li huwa kien iffirma l-imsemmija formola ghan-nom ta' Paul Ayling wara li dan

[1] Vide xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prokuratur l-Isepttur Maurice Curmi a fol. 11 sa 14 tal-atti processwali.
[2] Li xehed waqt l-udjenza tad-29 ta' Marzu 2010 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tad-29 ta' Settembru 2010.
[3] Inserita a fol. 35 tal-atti processwali.

awtorizzah jaghmel hekk. L-istess Paul Ayling li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-13 ta' Novembru 2010 ikkonferma li fl-2005 l-imputat kien jahdem mieghu fil-Windsor Bar, jirrizulta wkoll mill-employment history mahrug mill-ETC esebit a fol. 19 sa 24, u kkonferma wkoll li huwa kien awtorizza lill-accountant ta' huh, li ma kienx jaf x'jismu, sabiex jiffirma ghan-nom tieghu fuq l-FS3 form li kellha tigi prezentata l-bank meta huh applika sabiex jiehu loan u li huwa ghamel hekk sabiex jifranka li joqghod imur hu il-bank sabiex tigi ffirmata l-formola. Mill-provi rrizulta wkoll li z-zewg loans moghtija lill-imputat gew settled fl-2007 u li l-bank ma kellux problemi dwar il-pagamenti ta' dawn il-loans[4].

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrija inserita a fol. 15 u 16 tal-atti processwali kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-29 ta' Settembru 2010 ikkonferma li huwa kellu bzonn jiehu xi loans minghand il-bank sabiex jibda' business ta' importatur u jbiegh fuq il-monti u l-kugin tieghu Massimo Zahra kien laqqghu ma' Tonio Grima fi hdan il-bank u ma' Joseph Borg sabiex ihejjilu d-dokumenti li kellhom bzonn il-bank. Huwa qal illi l-karti kollha imlihom u ha hsiebhom Joseph Borg abbazi tal-informazzjoni li kien tah hu u li l-firma ta' huh Paul Ayling li kienet tidher fuq il-formola tal-FS3 kienet saret minn dan Borg wara li gie infurmat huh li kien ser jifirma ghan-nom tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi fic-charge sheet l-imputat jinsab addebitat bi tlett imputazzjonijiet fejn jinsab akkuzat bir-reati ta' truffa u frodi nnominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali permezz tal-ewwel imputazzjoni, bl-uzu ta' dokument falsifikat u cioe' bir-reat indikat fl-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali permezz tat-tieni imputazzjoni u bir-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku kontemplat fl-

[4] Ara xhieda ta' Joseph Fenech il-Manager tal-Internal Fraud and Investigation Unit fi hdan l-HSBC li xehed waqt l-udjenza tad-29 ta' Marzu 2010 u rega' xehed waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju 2010.

Artikolu 115 tal-Kodici Kriminali permezz tat-tielet imputazzjoni. Irid mal-ewwel jigi puntwalizzat li l-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-11 ta' Gunju 2010 ma ndikax l-Artikolu 115 tal-Kodici Kriminali meta elenka l-Artikoli tal-ligi taht liema huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet u ghalhekk il-Qorti li hija tenuta li tikkunsidra biss l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali ghal finijiet ta' sejbien ta' htija m'hijiex ser tikkunsidra ulterjorment it-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' truffa u frodi nnominata ndikati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali rispettivament. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Carmela German** deciz fit-30 ta' Dicembru 2004, intqal dwar ir-reat ta' truffa u dak ta' frodi nnominat:

"In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** li:

**"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol.**

**XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56).”**

Illi dawn ir-rekwiziti appena citati iridu lkoll jikkonkorru sabiex jissussistu r-reati ta’ truffa jew alternattivament dak ta’ frodi nnominata. Jekk jonqos xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti ma tistghax tinstab htija. Fil-kaz odjern ma ngabet ebda prova konkreta li l-imputat effettivament uza xi qerq jew xi ingann sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel xi haga. Mill-provi semmai rrizulta li kien Joseph Borg li seta’ effettwa l-ingann ghaliex kien hu li hejja l-karti kollha u l-imputat halla f’idejh. F’dan il-kaz l-anqas ma gie pruvat li l-imputat ghamel qliegh jew li l-allegat vittma, u cioe’ il-bank ghamel telf patrimonjali. Dan jinghad ghaliex mill-provi rrizulta li effettivament l-imputat onora l-obbligi kuntrattwali li kien assuma mal-bank meta ha l-loan u li ghalhekk il-bank mhux talli ma ghamel ebda telf patrimonjali izda addirittura ghamel il-qliegh mill-interessi li ha abbazi tal-loan. Il-Qorti jidrilha li f’dan il-kaz huma neqsin ir-rekwiziti rikjesti mill-ligi sabiex jissussistu r-reati ta’ truffa jew alternattivament ta’ frodi nnominata u li ghalhekk l-imputat ma jistghax jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu ghat-tieni imputazzjoni u cioe’ dik ta’ uzu ta’ dokument falz u cioe’ r-reat indikat fl-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali l-Qorti jidrilha li l-anqas din l-imputazzjoni ma’ tista’ titqies li tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Dan jinghad principalment ghas-semplici raguni li l-Artikolu 184 huwa allaccjat mal-Artikolu 183 liema Artikolu jirrreferi ghall-falsifikazzjoni ta’ tlett tipi ta’ dokumenti u cioe’ att pubbliku, att bankarju u att kummercjali. L-FS3 form li l-Prosekuzzjoni qed tindika bhala d-dokument falsifikat li l-imputat ghamel uzu minnu la jista’ jitqies li huwa att pubbliku ghaliex m’huwiex iffirmat minn ufficjal pubbliku, izda huwa fil-fatt att privat,  l-anqas ma jista’ jitqies li huwa dokument bankarju ghaliex m’huwiex dokument tal-bank u l-anqas ma jista’ jitqies li huwa dokument kummercjali ghaliex m’huwiex dokument

konness ma an act of trade kif definit fil-Kodici tal-Kummerc. L-imputat ghalhekk ma jistghax jinstab hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------